MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 145/1997/1

**Marthese Mompalao**

**vs**

**Angelo Vella**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Mejju, 2001 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhux jigi kkundannat minn din il-Qorti, previa d-dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali awtomobilistiku li gara nhar it-tletin (30) ta’ Gunju,

ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fi pjazza tomba, Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura misjuqa minnek, tal-marka Kia bin-numr tar-registrazzjoni ANG-078 u l-mutur ta' l-attrici misjuq minn Paul Mompalao tal-marka Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni P-2677, u dan stante in-negligenza grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek konvenut, thallas lill-attrici dawk id-danni kollha kif hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti sofferti minn l-istess attrici kawza ta' l-incident fuq imsemmi .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali t'Awissu 1997, u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni .

Rat id-digriet taghha tat-26 ta' Jannar 1998 fil-kawza 89/97 fl-ismijiet "Angelo Vella v. Paul Mompalao" quddiem din il-Qorti wkoll, li permezz tieghu irrikjamat dik il-kawza ghall-istess data li fiha kienet ser tinstema din il-kawza, bil-ghan illi dawn iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien, billi kienu jittrattaw l-istess incident awtomobilistiku .

Rat l-atti kollha ta' dik il-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tas-sentenza taghha moghtija llum ukoll f'dik il-kawza, li biha Paul Mompalao, iben l-attrici preenti, li fl-okkazjoni ta' l-incident stradali in kwistjoni, kien qed isuq il-motor cycle proprjeta' taghha, instab unikamnet responsabbli ghal dik il-habta, it-talbiet attrici f'din il-kawza ma jistghux jirnexxu .

Ghalhekk filwaqt ili taghmel piena referenza ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza taghha fil-kawza msemmija : "Avviz Numru 89/1997 fl-ismijiet : "Angelo Vella v. Paul Mompalao" deciza llum ukoll minn din il-Qorti .

Tiddecidi l-kawza prezenti billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha ."

Minn din is-sentenza appellat l-attrici bl-istess aggravji sottomessi minn Paul Mompalao fil-kawza fl-ismijiet "Angelo Vela –vs- Paul Mompalao" (Avviz numru 89/97) originata mill-istess incident meritu tal-odjerna kawza u appell.

Billi l-fatti f'din il-kawza u dik l-ohra huma identici tant li gew trattati u decizi kontestwalment u billi allura l-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fl-appell l-iehor jghoddu wkoll ghal dak prezenti, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel semplici riferenza ghalihom u taghmilhom jghoddu 'mutatis mutandis' ghall-istanza 'de qua'.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-attrici qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata fuq il-bazi tal-konsiderazzjonijiet maghmula fil-kawza fl-ismijiet "Angelo Vella -vs- Paul Mompalao" (Avviz numru 89/97). L-ispejjez gudizzjarji anke tal-prezenti procedura jibqghu a karigu tal-attrici appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------